



Il-Qorti Ġenerali tiċċad ir-rikors tal-ex Kummissarju Ewropew John Dalli, li bih kien qed jitlob kumpens għad-dannu li allegatament sofra minħabba t-terminazzjoni tal-funzjonijiet tiegħu

Is-Sur Dalli ma weriex li kien hemm aġir illegali tal-OLAF jew tal-Kummissjoni u ma pprovax li kien hemm rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn l-aġir ikkontestat u d-dannu allegat, u lanqas l-eżistenza ta' dan tal-aħħar.

B'sentenza tat-12 ta' Mejju 2015¹, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea kienet ċaħdet ir-rikors ta' John Dalli, ex Kummissarju Ewropew, intiż li jannulla d-"deċiżjoni verbali tas-16 ta' Ottubru 2012 ta' terminazzjoni tal-funzjonijiet [tiegħu] [...] b'effett immedjat, meħuda mill-President tal-Kummissjoni" u li jikseb kumpens għad-dannu subit għall-ammont ta' Euro simboliku bħala dannu morali u, provviżorjament, għall-ammont ta' EUR 1 913 396 bħala dannu materjali. B'digriet tal-14 ta' April 2016², il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ċaħdet l-appell imressaq minn J. Dalli minn din is-sentenza.

J. Dalli ressaq kawża mill-ġdid quddiem il-Qorti Ġenerali għall-kumpens tad-danni, b'mod partikolari dawk morali, li sofra minħabba, prinċipalment, l-allegat aġir illegali tal-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, marbut mat-terminazzjoni tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-Kummissjoni, b'effett immedjat mis-16 ta' Ottubru 2012.

Bis-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti Ġenerali teżamina, qabel kollox, **l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà** mqajma mill-Kummissjoni bbażata fuq l-awtorità ta' *Res Judicata* tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2015 u tikkonstata li minn din is-sentenza ma jirriżultax li l-punti ta' liġi u ta' fatti dwar l-allegat l-aġir illeċitu tal-OLAF fl-ewwel rikors kienu effettivament jew neċessarjament inqatgħu u li din is-sentenza għaldaqstant ma kellhiex, f'dan ir-rigward, l-awtorità ta' *Res judicata*.

Għal dak li jirrigwarda l-mertu, il-Qorti Ġenerali wara tfakkar, preliminarjament, **li s-seħħ tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni u t-twettiq taħt id-dritt għall-kumpens għad-dannu subit jiddependu mis-seħħ ta' numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-illegalità ta' aġir li jiġi kkontestat lill-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-dannu, u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan l-aġir u d-dannu invokat.**

Il-Qorti Ġenerali twettaq eżami tal-ilmenti dwar l-illegalità tal-aġir tal-istituzzjonijiet filwaqt li tfakkar li sabiex jiġi ammess li l-kundizzjoni dwar l-illegalità tal-aġir ikkontestat tal-istituzzjonijiet tiġi ssodisfatta, il-ġurisprudenza teżiġi li l-ksur stabbilit ikun ġie suffiċjentement ikkaratterizzat minn regola tad-dritt li jkollha bħala għan dak li tagħti drittijiet lill-individwi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qed tiċċad is-seba' lmenti mressqa minn J. Dalli dwar l-illegalità tal-aġir tal-OLAF. Dawn l-ilmenti huma bbażati, fost oħrajn, fuq l-illegalità tad-deċiżjoni li tinfetaħ inkjesta, fuq nuqqasijiet fil-karatterizzazzjoni tal-inkjesta u fuq l-estensjoni illegali tagħha, fuq il-ksur tal-prinċipji fil-qasam ta' amministrazzjoni tal-prova u ta' żnaturament u tal-falsifikazzjoni tal-provi, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

¹ Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 2015, Dalli vs Il-Kummissjoni ([T-562/12](#), ara l-istqarrija għall-istampa Nru [51/15](#))

² Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' April 2016, Dalli vs Il-Kummissjoni ([C-394/15 P](#), ara l-istqarrija għall-istampa Nru [40/16](#))

Il-Qorti Ġenerali wara qed tiċċad iż-żewġ ilmenti mressqa minn J. Dalli dwar l-illegalità tal-aġir tal-Kummissjoni. Dawn l-ilmenti kienu bbażati, minn naħa, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u fuq l-obbligu ta' aġir leali, imparzjali u oġġettiv u b'osservanza tal-prinċipju ta' indipendenza, u, min-naħa l-oħra, fuq il-ksur tal-indipendenza tal-OLAF.

Il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li **J. Dalli ma weriex li kien hemm aġir illegali tal-OLAF u tal-Kummissjoni**. Permezz ta' eżami magħmul għall-kompletezza, **il-Qorti Ġenerali tikkonkludi li J. Dalli ma pprovax li hemm rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn l-aġir ikkontestat u d-dannu allegat, u lanqas l-eżistenza ta' dan tal-aħħar**.

Ir-rikors ta' J. Dalli għaldaqstant qed jiġi miċċud.

NOTA: Appell, mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem min-notifika tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355